MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2005

Rikors Numru. 8/1995/1

Kummissarju tal-Artijiet
Vs
Maria Teresa Deguara Caruana Gatto, Beatrice Amato Gauci, Helen Miles, Nicola Jensen, Agnes Gera de Petri, Anna Maria Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem l-assenti Caren Preziosi, Alfred Gera de Petri bhala prokuratur tal-assenti Irene Bache u bhala ezekutur tal-eredita ta Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq in forza ta digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili bin-numru 1393/88

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Artijiet li jesponi bir-rispett:

Illi b'ittra ufficjali tat-22 ta Mejju 1991 l-intimati gew notifikati b'kopja ta Dikjarazzjoni tal-President ta Malta, fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li l-fondi Numri Tnejn, Tlieta u Erbgha (2,3,4) Triq Qrejten, l-Imsida u hija ndikata bhala Item Nru 1,2 u 3 fl-imsemmija dijarazzjoni huma

mehtiega ghal Skopijiet Pubblici u li l-akkwist taghhom ghandu jkun b’Xiri Assolut.

Illi l-intimati gew ukoll notifikati b’Avviz ghall-Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-fondi fuq imsemmija huwa ta sitt elef Lirs Maltija (Lm6000) kif jidher mir-rapport tal-Perit O. Caruana Montaldo A&CE tal-21 ta Mejju 1991 li kopja tieghu hija annessa mal-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tad-29 ta Mejju 1991 l-intimati Maria Teresa Deguara Caruana Gatto, Beatrice Amato Gauci, Helen Miles, Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri, Alfred Gera de Petri bhala proluratur tal-assenti Irene Bache u bhala esekutur tal-eredita ta Alfio Testaferrata Boni Ghaxaq in forza ta digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili bin-numru 1393/88 fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000).

Illi b’ittra ufficjali ohra tal-14 ta Gunju 1991 l-intimata Anna Maria Spiteri Debono f’isimha proprju u f’isem l-assenti Caren Preziosi fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kmumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta hamsa u tletin elf Lirs Maltija (Lm35,000).

Illi b’cedola ta depozitu pprezentata fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta Ottubru 1993 gie depozitat l-kumpens offert ghall-fondi fuq imsemmija u dan ai termini tal-artikolu 22()4) tal-Kapitolu 88.

Illi skond l-istess artikolu 22 tal-Kapitolu 88 dan id-depozitu ma jimpedix lill-intimati milli jkomplu jikkontestaw quddiem il-Bord l-ammont offert lilhom liema ammont, pero ir-rikorrent jikkonferma li jqisu gust u skond il-ligi.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jiffissa l-kumpens ghall-propjeta fuq imsemmija skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-akkwist ta Artijiet ghal Skopijijet Pubblici (Kap. 88)

Ra r-risposta ta Maria Teresa Deguara Caruana Gatto, Beatrice Amato Gauci, Helen Miles, Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri, Alfred Gera de Petri bhala prokuratur tal-assenti Irene Bache u bhala esekutur tal-eredita ta Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq in forza ta digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili bin-numru 1393/88, jespondu bir-rispett:

Illi l-valur gust tal-art esproprjata huwa dak indikat fl-ittra ufficjali tad-29 ta Mejju 1991 li biha l-intimati Maria Teresa Deguara Caruana Gatta, Beatrice Amato Gauci, Helen Miles, Nicholas Jensen, Agnres Gera de Petri, Alfred Gera de Petri bhala prokuratur tal-assenti Irene Bache u bhala esekutur tal-eredita ta Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq in forza ta digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili bin-numru 1393/88, fost affarijiet ohra ddikjaraw li ma accettawx il-kumpens offert u talbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000).

Ra li dawn il-proceduri mxew ma proceduri ghal smiegh mill-gdid ta sentenza moghtija mill-Bord (diversament presedut) li giet milqugha mill-Bord diversament presedut. Imhabba dik is-sentenza il-Bord ta lill-partijiet zmien twil biex iressqu provi godda izda jidher li l-partijiet huma interessati biss f'min ikunu l-periti. Fuq provi ohra dwar il-mertu ma tressaq xejn ghax dan huwa ir-rikors fejn il-Bord irid jikkonsidra l-meritu. Ir-rikors 1R/97 li qed jigi deciz illum hu biss dwar talba ghal smiegh mill-gdid li giet milqugha ghalkemm il-Bord kellu jikkonsidra punti dwar il-hatra ta periti biex jaghlaq rikors li ilu sejjer is-snin.

Il-Bord billi l-periti m'ghandhomx x'jaqsmu xejn mas-smiegh mill-gdid qed jerga jahtar lill-periti Renato Laferla u l-AIC Joseph Jaccarini li fi zmien hmistax m'illum jipprezentaw relazzjoni wara li jiehdu in konsiderazzjoni dak li qed jiddeciedi l-Bord illum, ilestu relazzjoni u hekk il-Bord ikun jista jaghti sentenza, skond il-Kap 88 kif emendat fi 12 ta Ottubru fid-9.00 am spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------